ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/62

# SEAC jikkonkludi dwar opinjonijiet xjentifiċi għal żewġ proposti ta' restrizzjoni

## Il-Kumitat tal-ECHA għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) ikkonkluda li m'għandu l-ebda bażi għall-appoġġ tal-proposta Daniża biex jiġu ristretti aktar l-erba' ftalati (phthalates) diġà kklassifikati (DEHP, DBP, BBP, u DIBP).

**Ħelsinki, 7 ta' Diċembru 2012 –** L-opinjoni ta' SEAC hija bbażata fuq l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġunju għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) li kienet tgħid li d-dejta disponibbli ma tindikax riskju attwali minn esponiment ikkombinat għall-erba' ftalati. Għaldaqstant l-opinjoni ta' SEAC tikkonferma l-abbozz tal-opinjoni tiegħu ta' Ġunju 2012.

L-abbozz tal-opinjoni kien sottomess għal konsultazzjoni pubblika għal 60 jum. Abbażi ta' għaxar kummenti riċevuti, SEAC ma kkunsidrax li kien meħtieġ li jbiddel l-opinjoni tiegħu. Madankollu, introduċa għadd ta' kjarifiki fit-test ta' ġustifikazzjoni tal-opinjoni.

Il-proposta ta' ristrezzjoni oriġinali kienet sottomessa fl-2011 mill-awtoritajiet kompetenti Daniżi bil-ħsieb li jiġi limitat l-esponiment ikkombinat ta' bnedmin permezz ta' artikli tal-konsumatur għall-erba' ftalati.

**Abbozz tal-opinjoni dwar proposta ta' restrizzjoni għall-Kromu VI (Chromium VI) f'artikli tal-ġilda.**

B'segwitu għall-opinjoni reċenti ta' RAC b'appoġġ għall-proposta Daniża għar-restrizzjoni tal-Kromu VI f'artikli tal-ġilda, issa SEAC ikkonkluda wkoll li r-restrizzjoni proposta hija l-miżura l-aktar adatta fil-Komunità kollha biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati fir-rigward tal-proporzjonalità tal-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tagħha għall-ispejjeż soċjo-ekonomiċi tagħha sakemm il-kamp ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet jkunu modifikata kif iddikjarat fl-opinjoni tar-RAC.

Il-konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-opinjoni ta' SEAC ser titnieda f'Diċembru u l-Kumitat huwa mistenni li jadotta l-opinjoni finali tiegħu f'Marzu 2013.

## Aktar tagħrif

**Paġni web ta' SEAC:**
https://echa.europa.eu/about-us/who-we-are/committee-for-socio-economic-analysis